**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1483/00JR**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Associated Supplies Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u tnax-il lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm112.35), oltre l-imghax mid-data ta' kull fattura, bilanc tal-prezz ta' oggetti mibjugha lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura 10612/98 u 11928/98, li kopji taghhom qed jigu hawn annessi bhala Dok.A u B.**

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fid-19 t'Ottubru, 2000, fejn intqal illi t-talba tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici stante illi l-merkanzija kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta kienet difettuza u mhux tal-kwalita` pattwita u ghalhekk ma setghetx tintuza ghall-iskop li ghalih giet akkwistata.

Semgha x-xhieda ta' Ray Mallia, Tony Gauci. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' kumpressuri mibjugha lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta eccepiet li l-merkanzija konsenjata kienet difettuza.
2. Mix-xhieda mismugha jirrizulta li is-socjeta` konvenuta kellha diversi negozjati mas-socjeta` attrici.
3. is-socjeta` attrici qed tghid li l-ammont bilancjali dovut jirrigwarda l-invoice numru 010612, Dok.A, fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi, u l-invoice numru 011928, Dok.B, fl-ammont ta' disgha u tmenin lira Maltija hamsa u ghoxrin centezmu (Lm89.25).
4. Skond ma jghid Ray Mallia ghas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta kienet hadet kompressur fl-10 ta' Dicembru, 1998, li kien gie ritornat wara ftit jiem peress li ma jahdimx. L-attur kien iccekkjah u sabu "seized". L-

attur qal li dan il-kompressur ta' 20,000btu kien twahhal fuq "outdoor unit" ta' "air conditioner". Huwa spjega li hi n-norma li kumpressur jigi ppruvat, qabel ma jigi wweldjat mis-socjeta` konvenuta, u dana peress li jkun sigillat, pero` ma ftakarx jekk f'dan il-kaz kienx qal lis-socjeta` konvenuta biex tittestjah qabel ma tinstallah. L-attur innota wkoll li ghandu jitpogga "filter" peress li t-trab jista' jikkawza "seizure". L-attur gibed konkluzjoni li f'dan il-kaz ma kienx tpogga filter peress li l-filter l-antik kien ghadu hemm. L-attur innota ukoll li l-kumpressur kien tpogga fuq unit ta' 12,000btu, u ghalhekk kien ibati.

5. L-istess Ray Mallia spejga li kienet saret offerta lis-socjeta` konvenuta sabiex il-kumpressur jintbaghat barra u jsiru verifiki minn nies indipendenti, skond ma jirrizulta mill-fax, Dok.C, mibghut mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fis-26 ta' Marzu, 1999, pero` li jintbaghat a spejjez tas-socjeta` konvenuta.
6. Is-socjeta` konvenuta kienet accetat li l-kumpressur jigi ezaminat minn nies indipendenti, u dana skond fax mibghut lis-socjeta` attrici, Dok.B, datat 26 ta' Marzu, 1999, pero` b'dana li l-ispejjez tat-trasport jigu rifuzi lilhom.
7. Il-konvenut Tony Gauci jichad li qatt qaltlu s-socjeta` attrici li kellhom jittestjaw il-kumpressur qabel ma jiwweldjawh. Huwa ammetta li ma jafx jekk kienx tpogga filter. Il-konvenut innota li l-kaxxa kienet ta' 16,000btu u mhux ta' 12,000btu kif allegat mis-socjeta` attrici.
8. Ray Mallia spjega wkoll li s-socjeta` konvenuta kienet l-ewwel hadet kumpressur li jiswa hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85.00) u wara li dan gie

**invoiced, din bidlet ghall-wiehed li kien jiswa mija u seba' liri Maltin (Lm107.00), u b'hekk giet id-differenza ta' tlieta u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm23.10) indikata fid-Dok.A.**

9. **Skond Tony Gauci, Service Manager tas-socjeta` konvenuta, l-kumpressur li ghalih tirreferi l-invoice 010612 kien "seized". Il-kumpressur li ghalih tirrefri l-invoice 11928 kien thallas b'cekk numru 1204 fit-8 ta' Frar, 1999.**
10. **Mill-istatement esebit mis-socjeta` attrici, Dok.XY, jirrizulta li l-invoice 10467 kien thallas bic-cekk 1204 u harget ir-ricevuta fir-rigward, liema ricevuta ma jidhirx li giet kontestata. Ghalhekk tassew jirrizulta li l-bilanc li baqa' jirrigwarda l-invoice 10612 u l-invoice 11928.**
11. **Dwar jekk kienx hemm difett fl-apparat mibjugh, mill-provi mismugha dana ma jirrizultax pruvat. Jigi nnutat wkoll li l-imsemmi kumpressur sal-gurnata tal-lum gahdu ghand is-socjeta` konvenuta. Ghaldaqstant l-ammont mitlub huwa dovut lis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnax-il lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm112.35), bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Dicembru, 1998.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**